**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 43**

**L-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**43.1** **Qari t'ittri t'Apoloġiji**

43.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, informa li l-Viċi Sindku Elenia Desira ser tidħol għal-laqgħa ftit tard. Din waslet 2 minuti tard.

**43.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

43.2.1 Stephen Caruana ppropona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda bħala korretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 42 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti.

**43.3** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.**

43.3.1 Is-Sindku informa il-Kunsiliera preżenti li fit-22 ta Ġunju 2022, is-Sindku kellu laqgħa ma rappreżentant ta' Transport Malta fejn ġew diskussi l-problemi ta' Triq Melqart, Triq Axtart u Triq Duncan kif ukoll fuq il-frejgatini tat-turisti.

Rigward il-Vendi tal-fregatini tat-turisti il-Kunsill qabel li ma jkunx hemm tabelli mifruxin ma kullumkien. Ittieħed Vot dwar din il-materja.

I-Kunsill Lokali qed jipproponi li jkun hemm 3 jew 4 posti għall-bejgħ tal-biljetti.
Taqblu ma' 3 postijiet jew ma' 4 postijiet? (Il-postijiet huma 3 pontijiet u l-pjazza)

| **Vot** | **3 posti** | **4 posti** |
|---|---|---|
| Steven Grech | **X** | |
| Elenia Desira | **X** | |
| Stephen Caruana | | **X** |
| Daniel Zerafa | **X** | |

Il-vot għal 3 postjiet ma' tlett pontijiet għadha bi 3 favur u wieħed kontra.

43.3.2 Is-Sidku informa il-Kunsilliera Preżenti li fil-11 ta' Lulju 2022 is-Sindku kellu laqgħa mal-bejjiegħa tal ħut, rigward iridux li jmorru fil-posta alternattiva u rigward it-tindif għal ħmieġ li jħallu.

Il-Bejjiegħa tal-ħut qed jirrifjutaw li jmorru fejn tal-Magħluq. Is-Sindku saħaq li ma jippermettix il-ħmieġ li qed jitħalla. Fuq dan ittieħed vot jekk għandux jibqa isir tindif.

| **Vot** | **Ma jsirx tindif** | **Isir it-tindif** |
|---|---|---|
| Steven Grech | **X** | |
| Elenia Desira | **X** | |
| Stephen Caruana | | **X** |
| Daniel Zerafa | **X** | |

Il-Kunsill jiddeċiedi bi 3 favur u 1 kontra li, wara l-Festa ma jsirx aktar tindif nhar ta' Hadd in-Naħa tal-Hut u ser issir stqarrija.

| | |
|---|---|
| 43.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsiliera Preżenti li fl-14 ta Lulju 2022, is-Sindku kellu laqgħa mal-Perm. Sec. Fil-Ministeru tal-Ekonomija, fejn atendew wkoll rappreżentanti mill-Ministeru tat-Turiżmu u rappreżentanti mill-OPM u Lands Authority fejn ġie diskuss il-Master Plan tax-Xatt u li ser isiru iktar diskussjonijiet. |
| 43.3.4 | *Minħabba ċirkostanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom il-laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar is-Sibt 23 ta' Lulju 2022 fit-8:00am.* |
| 43.3.5 | **Skema SPI/SCI/07/2022 – Clean up the world**<br>Il-Viċi Sindku Elenia Desira ser tikkomunika mal-istaff fuq id-dettalji ta' x'ser isir u fejn jigi mnaddaf u għalhekk timtela l-applikazzjoni. Sar qbil unnanimu li napplikaw għal din l-iskema biex nutilizzaw dawn il fondi.<br><br>**Skema SPI/SCI/08/2022 – Finanzjament Milied 2022.**<br>Id-Deputat Segretarju. Eżekuttiv Carmel Attard spjega li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skema li toffri massimu ta' €47,000 għall-Attività tal-Milied. Is-Segretarju spjega li iridu jinħarġu 10% mill-Kunsill u mhux fiċ-ċert li se jingħata il-fond massimu mitlub. Eleġibità ta' kemm jittieħdu fondi tittieħed mil-bord. Sar qbil unnanimu bejn dawk preżenti li din l-iskema ma jieħdux sehem fiha. |
| 43.3.6 | **Launching Servizz tal-Kommunita:** Nhar it 28 ta' Lulju ser isir il-launching tas-servizz tal-van mixtri għas-servizz tal-Kommunitá. Ser tkun preżenti għal launching l-Onorevoli Seg. Parlamentari Dr.Alison Zerafa Civelli. |
| **43.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 43.4.1 | Daniel Zerafa staqsa dwar l-street Humps. Is-Sindku fakkar li meta wieħed isuq max-xatt dan għandu jsuq bit 30km/h jew inqas. Huwa qal li pruvhom personalment u anki saq b'iktar mil veloċita indikata u ma kienx hemm taħbiet mill-vettura kif kien irrapurtat. Huwa qal ukol li għaddiet karozza Ferrari u xorta ma ħabtitx. |
| **43.5** | **Football Ground Project** |
| 43.5.1 | Is-Sindku informa il-Kunsiliera preżenti li fuq facebook sar xi tgergir rigward il-proġett tal-grawnd tal football. Waqt id-diskussjoni Daniel Zerafa innota li hu bħala Kunsilliera rridu nkunu imparzjali u naħdmu favur Marsaxlokk. Hu iħoss li għandu jivvota kontra minħabba l-għoli tal-bini u b'hekk jevvita li jinħoloq preċedent sabiex jibda jitlgħa bini ieħor. Is-Sindku qal li hu m'għandux interess u ma jsib l-ebda oġġezjoni kontra il-proġett u rigward l-għoli tiddeċiedi il-PA. Sar qbil li tinħareġ stqarrija fejn tgħid:<br>*Il-Kunsill ma ħa l-ebda vot fuq dan il-proġett u qiegħed jistenna li ssir konsultazzjoni pubblika. Għalkemm il-kunsill ilu jitlob li isir dan, sa issa għadu ma sar xejn.* |
| **43.6** | **Telefonata mal Gurnal it-Times:** Is-Sindku informa lil dawk preżenti li kellu diskussjoni mal-ġurnal tat-Times fejn dawn staqsew dwar l-ammont ta' kannen tal-Asbestos li ntremew ħdejn Dellimara. Hu spjega li dan ma jistax jinġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill u la għandu fondi u lanqas post fejn jiddisponi min dan il-materjal**.** Hu innota li isiru ħafna Clean ups madwar Malta. |

| | |
|---|---|
| **43.7** | **Triq Ġulinu Mariscalco**: Dan l-isqaq li sar bil-madum sabiex jibqa għall użu pedonali hu ma jaqbilx li jgħaddu vetturi min go fih, ħlief ta' dawk ir-residenti u li għandhom il-garaxx. Dan l-isqaq jingħalaq b'bolards. Is-Sindku saqsa li ssir linja safra fuq naħa minnhom sabiex ikun l-aċċess għan nies. Sar qbil sabiex imexxu fuq din it-talba u jsir is-sinjal isfar. |
| **43.8** | **Riżultat tal-Interview**. Id-Deputat Segretarju Ezkuttiv spjega li kien hemm applikazzjoni waħda sabiex tidħol skrivana p/time, u li l-quddiem ser tieħu post persuna li ser tirtira. Sar interview u din il-persuna ġiet impjegata. |
| **43.9** | **Jum Marsaxlokk** |
| 43.9.1 | Is-Sindku staqsa li dawk preżenti sabiex isiru nominazzjonijiet mill-għaqdiet għal Jum Marsaxlokk. Jum Marsaxlokk ser isir nhar il-Ħadd 11 ta' Settembru 2022. Laqgħa li jmiss tittieħed deċizjoni dwar dawk nominati. |
| **43.10** | **Terminazzjoni tas-servizz tal-IT:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard spjega li ġie terminat is-supplier preżenti. Spjega ukoll kif ir-Reġjun qed jagħti dan is-servizz ta IT support lill-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun u allura ser jibdew jużaw dan is-servizz. B'hekk il-Kunsill ikun ukoll qed jiffranka ħafna flus. L-avukat kiteb lil supplier preżenti fejn ġie mgħarraf li is-servizzi ser jiġi terminat. |
| **43.11** | ***Planning Authority*** |
| 43.11.1 | Xejn |
| **43.12** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 43.12.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda. |
| **43.13** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 43.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-9.00am wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 24 t'Awwisu 2022, fl-16.30. |

Konfermati, illum 24 t'Awwissu 2022

IFFIRMATA

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

______________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*